KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 15 – L-ERBGĦA, 23 TA' LULJU 2025**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| **PREŻENTI:** | | |
|---|---|---|
| | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 15.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

15.1.1 Ma kienx hemm.

## 15.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

15.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (15) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

15.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 15.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

15.3.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa li l-Kunsill tkellem ma' Chief Officer tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar ix-xogħlijiet fi Triq San Mikiel proprju minħabba l-Festa tas-Salvatur. Dan biex ikun assigurat li ma jitħalliex periklu fit-triq, jimmobilizzaw l-inġenji minn fuq it-triq u ma jiftħux trinek ġodda. Fil-każ ix-xogħlijiet jitkomplew wara s-6 ta' Awwissu.

15.3.2 Is-Sindku Dott Sciberras informa li ser ikun qed jitlob laqgħa oħra ma' Project Green peress li sema li hemm proġett propost għal din il-lokalità. Fakkar li l-Kunsill, proprju fil-bidu ta' din il-leġiżlatura, kien ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Bartolo dwar it-talba għall-amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika tal-għalqa li hemm fi Triq Dott Pawlu Grech. Żied jgħid li m'għandux l-informazzjoni dwar jekk Project Green hux qed jaħdem fuq l-istess sit u għalhekk f'dan l-istadju jkun ferm għaqli jekk il-Kunsill jitlob laqgħa fl-immedjat biex jara l-pjanijiet u naraw kif il-Kunsill jista joffri l-assistenza f'dan ir-rigward. Se jkun qed javża lill-Kunsillieri bid-data tal-laqgħa għal kull min ikun interessat li jattendi.

15.3.3 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li l-Kunsill kien irċieva komunikat mingħand il-Public Broadcasting Services Ltd sabiex jistiednu lill-Kunsill għal laqgħa preliminari dwar proposta għal programm televiżiv ġdid li għandu jixxandar kull nhar ta' Ħadd bejn Ottubru u Ġunju, mill-lokalità tagħkom flimkien m'oħrajn.

Dan il-programm għandu jkun okkażjoni ta' valur għall-komunità, fejn ser jiġu mistiedna mistiedna speċjali, tiġi ċċelebrata il-quddiesa fil-lokalità, features kulturali u storiċi, kif ukoll jinkludi elementi ta' spettaklu u divertiment relatati mal-lokalità.

Ladarba jasal ftehim fuq id-data u l-parteċipazzjoni tal-Kunsill, it-tim tal-produzzjoni jieħu ħsieb li jkompli l-komunikazzjoni kollha meħtieġa mal-Kunsill Lokali, inkluż kull dettall tekniku u loġistiku. *Nem con.*

15.3.4 Is-Sindku Dott Sciberras informa li l-Kunsill kien għal sena oħra rċieva komunikat minn Sports Malta biex il-Kunsill jerġa jipparteċipa fil-European Week of Sport bejn l-1 ta' Settembru u l-15 ta' Ottubru.

Is-Sindku spjega li l-ideja li nippromwovu l-Isport u l-benesseri tal-persuna fost il-komunità tal-Iklin għandha tkun l-oġġettiv primarju ta' din l-attività.

Wara diskussjoni wiesgħa, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jerġa jipparteċipa bl-involviment ta' Lija/Iklin Football Youth Academy. Ġiet iffissata d-data tat-3 ta' Settembru bejn il-5pm u s 7-pm. Il-Kunsillier Mario Fenech, li għandu d-dekasteru tal-Isport fost responsabbiltajiet oħra, se jerġa jieħu ħsieb il-promozzjoni fuq il-mezzi soċjali. Il-Kunsillier Mary Grace Gusman ressqet proposta biex nattiraw aktar tfal għal din l-attività, tkun ideja tajba li l-Kunsill jipprovdi s-servizz ta' inflatable water slide facilities għax taf tkun attrazzjoni għat-tfal b'mod partikolari. Aktar dettalji jingħataw 'il quddiem.

## 15.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

15.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-23 ta' Ġunju u l-21 ta' Lulju 2025 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (23 June - 21 July 2025)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 173 | 23/06/2026 | Talba biex jinqata l-ħaxix fi Triq it-Timu | pending | Triq it-Timu | **CLEANSING** |
| 174 | 23/06/2025 | Scammel maħmuġ qed ikun ipparkjat fi Triq Dun Karm fejn Lotto Office | pending | Triq Dun Karm | **POLICE** |
| 175 | 23/06/2025 | Qed isir xogħol fi Triq San Mikiel mill-WSC u l- pjanċi qegħdin iħabbtu u dewmien bla bżonn | pending | Triq San Mikiel | **WSC** |
| 176 | 23/06/2025 | Talba biex ikun hemm xi security/police fejn Aria / Liquid Clubs wara parties ħmieġ u ġenn li jkun hemm | pending | Triq Għargħur | **Community Police** |
| 177 | 24/06/2025 | Ilment dwar vans ipparkjati dejjem fl-istess parking bays. Hemm wieħed b'puncture. Din ħaddiema L-Iklin u ma' ssibx fejn tipparkja | closed | Triq in-Naxxar | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 178 | 24/06/2025 | Hemm tappiera quddiem 186, Triq il-Wied li ġiet irranġata però qed tħabbat ħafna | pending | Triq il-Wied | **INFRASTRUCTURE** |
| 179 | 25/06/2025 | Talba biex jinqata l-ħaxix fi Triq Għargħur | pending | Triq Għargħur | **CLEANSING** |
| 180 | 25/06/2025 | Leakage ta' ilma fejn residenza nru. 21 Triq G Bonnici | settled | Triq G Bonnici | **WSC** |
| 181 | 26/06/2025 | Talba biex iduru l-ħofor fi Triq L-Għaqba sa fejn il-kamra | settled | Triq L-Għaqba | **COUNCIL** |
| 182 | 27/06/2025 | Leakage tal-ilma mill-meter 'il barra fi Triq C Busuttil | settled | Triq Ċensu Busuttil | **WSC** |
| 183 | 27/06/2025 | Leakage tal-ilma mill-meter 'il barra fi Triq GE Mercer | settled | Triq GE Mercer | **WSC** |
| 184 | 30/06/2025 | Talba biex jinqata l-ħaxix u siġar invażivi fi Triq A M Caruana | pending | Triq A M Caruana | **COUNCIL** |
| 185 | 30/06/2025 | Inġenji kbar qed jipparkjaw għal weekend fi Pjazza Ninu Cremona | pending | Pjazza Ninu Cremona | **POLICE** |
| 186 | 01/07/2025 | Talba għal metru double yellow line 107 Triq C Busuttil | settled | Tirq Ċensu Busuttil | **COUNCIL** |
| 187 | 02/07/2025 | Mutur ilu xahrejn ipparkjat fi Triq Dun Karm c/w Triq C Busuttil liċenza skaduta | pending | Triq Dun Karm | **POLICE** |
| 188 | 04/07/2025 | Talba biex jerġgħu jsiru tabelli tat-Timed Parking u MC bay fi Triq A M Galea | pending | 40 Triq A M Galea | **COUNCIL** |
| 189 | 09/07/2025 | Fuq yellow lines li saru 109 Triq Ċ Busuttil | pending | Triq Ċ Busuttil | **COUNCIL** |
| 190 | 10/07/2025 | Talba biex tiġi rranġata bankina magħmula bil-madum imkisser u sprall miksur fi Triq P Grech -residenti 26 Triq G Calleja | pending | Triq P Grech | **COUNCIL** |
| 191 | 07/07/2025 | Reminder dwar talba għal small bins near Baker Street, Triq Dun Karm | pending | Triq Dun Karm | **COUNCIL** |
| 192 | 10/07/2025 | Ilment li qegħdin iħallu boroż suwed u skart taħt din it tabella fi Triq G Abos | settled | Triq Ġ Abos | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 193 | 08/07/2025 | Ilment li biex joħroġ mid-dar qed tkun ta' periklu minħabba parking u speed minn 61 Triq il-Wied | pending | Triq Wied | **COUNCIL** |
| 194 | 14/07/2025 | Fi Triq il-Klin m'hemmx tabelli ta' Timed Parking u talba biex ikun hemm site plan tat-toroq bit-timed parking fil website | pending | Timed Parking zones | **COUNCIL** |
| 195 | 15/07/2025 | Hemm ħofra taħt il-bankina quddiem 110 Triq Ġ Abos u qed iżżomm ilma u ħmieġ | pending | Triq Ġ Abos | **COUNCIL** |
| 196 | 15/07/2025 | Leakage tal-ilma fi Triq L-Awrikarja | pending | Triq L-Awrikarja | **WSC** |
| 197 | 16/07/2025 | Bozza mitfija mall-ħajt W08128 - 2 Triq G Pesci | pending | Triq Ġ Pesci | **CONTRACTOR** |
| 198 | 17/07/2025 | Hemm ħafna ħaxix u zkuk fi Triq ES Inglott mal-aħħar blokka ta' appartamenti | pending | Triq ES Inglott | **CLEANSING** |
| 199 | 21/07/2025 | Ilment fuq siġar kbar invażivi fi Triq E S Inglott fejn Dar Naspli u 'il fuq faċċata ta' Il Cortile | pending | Triq ES Inglott | **CLEANSING** |

## 15.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

15.5.1 Il-Kunsillier Mario Fenech staqsa jekk il-Kunsill kienx qed jaqbel li nitkellmu ma' Lija/Iklin Football Youth Academy dwar l-avveniment European Week of Sport biex tiġi sottomessa l-proposta peress li hemm deadline li l-Kunsill irid jonora. Il-Kunsillier Mario Fenech spjega li hu kien jara potenzjal f'din l-attività u l-Kunsill għandu jara kif ser jiżviluppa din l-ideja.

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li hu kien tal-istess ħsieb u għaldaqstant il-Kunsill għandu jmexxi din il-proposta 'il quddiem.

15.5.2 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman staqsiet jekk il-Kunsill jikkunsidrax iġib kwotazzjonijiet għal kiri ta' inflatable water slides in konnessjoni mal-attività sportiva skedata għat-3 ta' Settembru bit-tema 'European Week of Sport għaliex temmen li l-Kunsill jista jattira aktar tfal biex jipparteċipaw.

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li l-Kunsill jista jottjeni kwotazzjonijiet biex din l-attività sportiva tkun suċċess. Żied ukoll li bl-involviment ta' Lija/Iklin FYA bħala struttura organizzata tista tikkontribwixxi torganizza set-up bl-involviment tal-Head Coach u l-assistenti tiegħu biex flimkien mat-tfal tal-Akkademja, jingħaqdu tfal oħra mir-raħal għal din l-attività. Fl-istess waqt il-Kunsill ikun qed jappoġġja lill-Akkademja bħala Ko-Fundaturi ta' Lija/Iklin Football Youth Nursery.

15.5.3 Il-Kunsillier Matthew Fenech staqsa jekk il-Kunsill jistax jaħtar sotto-Kumitati biex jassistu lill-Kunsill fl-operat tiegħu.

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li kien obbligu bil-liġi li twaqqaf il-Gvern Lokali li kull Kunsillieri jaħtar sotto-kumitat taħt id-dekasteru tiegħu biex ilaqqa lis-sotto-kumitat u jipproponu idejat, suġġerimenti lill-Kunsill biex jidħlu fil-pjan ta' ħidma. Żied jgħid li preżentement hemm sott-kumitat taħt il-kappa tiegħu li qed jindirizza materji industrijali, liema sotto-kumitat ħadem qatigħ matul l-aħħar leġiżlatura u reġa kien kompost f'din il-leġiżlatura bl-istess membri. Is-Sindku reġa stieden lill-Kunsillieri biex iwaqqfu s-sotto-kumitati filwaqt li esprima wkoll il-ħsieb li l-Kunsill għandu jkun ko-parteċipi mal-għaqdiet tal-lokal peress li hemm struttura organizzata li magħhom il-Kunsill jista jkun ko-parteċipi f'numru ta' inizjattivi ambjentali, sportivi u dawk kulturali.

15.5.4 Il-Kunsillier Matthew Fenech staqsa dwar ix-xogħlijiet li għaddejjin fi Triq San Mikiel għaliex qed iwaqqfuh numru ta' resident jilmentaw mill-ħsejjes li qed jagħmlu l-pjanċi tal-ħadid fejn qed jikkawżaw inkonvenjent u periklu għar-residenti li jirrisiedu fiż-żona u saħansitra għall-pubbliku inġenerali.

Kif irrelata fil-komunikazzjoni tas-Sindku, Dott Sciberras wieġeb li l-Kunsill qiegħed f'kuntatt ma' Chief Officer tal-WSC biex dawn id-diffikultajiet jiġu ndirizzati fl-iqsar żmien possibbli.

## 15.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

15.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

15.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Mario Fenech.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, u l-Kunsillieri, Mario Fenech, Matthew Fenech u Mary Grace Gusman.

**(Doc. D anness)**

15.6.3 Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' disinn u stampar ta' materjal pubbliċitarju mingħand il-fornitur Grafik.giraffe skont il-kwotazzjoni ILC0125;
2. Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' (2) *decorative aluminium lamp posts* mingħand il-fornitur Transmec Services Ltd għall-prezz ta' Eur896.80 VAT inkluż;
3. Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' Group Life Policy għall-Kunsillier Mario Fenech. L-Assoċjazzjoni qed terga' toffri rata vantaġġuża ta' €65.00 għal kull Membru Elett bejn 18-il sena u il-65 sena. Din il-polza tagħti benefiċċju ta' €30,000 lill-qraba f'każ li Membru Elett jiġi nieqes meta jkun fil-kariga u kemm il-darba din il-polza tkun għadha qed titħallas. Il-kopertura hija waħda 24/7 u li tkopri l-pajjiżi kollha. Din il-polza tkopri l-perjodu mill-1 t'Awwissu 2025 sal-31 ta' Lulju 2026.

## 15.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

15.7.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

15.7.2 Applikazzjoni PA/04753/25 - 81/83/85, Triq il-Wied, Iklin 'To sanction internal and external alterations over site covered by PA/02623/01'.

15.7.3 Applikazzjoni PA/ 04701/25 – 30, Paulmar, Triq San Mikiel, Iklin - nternal alterations of existing maisonette to create a 3 bedroom unit at first floor, dismantling of existing washroom/drying area at second to create a 3 bedroom apartment and to construct 3 bedroom units at third and receded level. Additional alterations for lift shaft at first till fourth floor level.

15.7.4 Applikazzjoni PA 07108/24 - 37, Triq in-Namur c/w, Triq il-Plejju, Iklin 'To propose some alterations to the approved permit PA3823/21 including excavation of staircase base'.

## 15.8 MOZZJONI: STUDJU DWAR IL-KAPAĊITÀ TA' TOLLEERANZA TA' L-IŻVILUPP 'CARRYING CAPACITY' GĦALL-LOKALITÀ TAL-IKLIN

15.8.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ippreżenta l-mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

15.8.2 Il-mozzjoni ġiet moqrija mis-Sindku Dott Sciberras.

15.8.3 Il-Kunsillier Matthew Fenech staqsa jekk il-Kunsill Reġjonali Lvant kienx ikkummissjona studju ta' din ix-xorta.

Is-Sindku wieġeb li l-istudju li sar mill-Kunsill Reġjonali Lvant ma kienx tal-istess natura.

15.8.4 Il-Kunsillier Mario Fenech staqsa jekk dan l-istudju kienx ser jiġi ffinanzjat mill-Gvern Ċentrali jew mill-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ser jagħmel it-talba lill-Gvern Ċentrali għall-fondi biex jiġi kkummissjunat dan l-istudju.

15.8.5 Imbagħad is-Sindku ressaq il-mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Bartolo biex jittieħed vot.

15.8.6 Il-mozzjoni għaddiet *nem con.*

## 15.9 AĠĠORNAMENT DWAR IT-TALBA GĦALL-ESTENSJONI TAL-AMMINISTRAZZJONI TA' PROPRJETÀ PUBBLIKA FI PJAZZA NINU CREMONA

15.9.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa bil-laqgħa pożittiva li kellu mal-advisor tas-Segretarju Parlamentari Zerafa Civelli. Kompla billi qal li s-Segretarju Eżekuttiv kiteb formalment lid-Direttorat għall-Gvern Lokali per procedura. Da parte tad-Direttorat, għaddew linji gwida u *Policy document* dwar l-amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika u dokumentazzjoni

rilevanti oħra li jridu jiġu segwiti biex id-Direttorat ikun jista jagħti l-endorsement u ssir it-talba formali mal-Awtorità tal-Artijiet.

15.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv talab sabiex il-Kunsill jaqra l-policy document peress li hemm klawsoli li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill irid jagħmel punt ta' kjarifika dwarhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li l-Kunsill kien ressaq mozzjoni fil-bidu ta' din il-leġiżlatura proprju f'Ottubru tas-sena 2024 dwar il-proġett ta' riġenerazzjoni tal-pjazza u fejn il-mozzjoni ssemmi li l-Kunsill se jkun qed jitlob għad-devoluzzjoni tas-sit fi Triq Dott Pawlu Grech bil-ħsieb li tiġi żviluppata *f'recreational park & underlying car parking* biex tikkumpensa għall-parkeġġi li jistgħu jintilfu minn Pjazza Ninu Cremona. Għaldaqstant talab biex il-Kunsill jara l-policy document biex jiġu ċċarati xi punti.

Is-Segretarju Eżekuttiv kien qed jirreferi għall-punt 2.4 tal-policy document u proċedura dwar l-amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika fejn issemmi li 'Kunsilli jistgħu japplikaw biex jamministraw proprjetà pubblika f'isimhom biss. Applikazzjonijiet li jsiru biex jitwettaq xi proġett minn terzi ma jiġux ikkunsidrati u jżid li klawsola 3.6 issemmi li 'Normalment tiġi aċċettata biss applikazzjoni waħda għal proġett partikolari u jkun biss wara li tingħata approvazzjoni bil-miktub mill-Bord tal-Governanza tal-Awtorità tal-Artijiet li d-Dipartiment ikun jista' jipproċessa talba oħra għal devoluzzjoni mill-istess Kunsill Lokali. B'danakollu, id-Dipartiment ikun jista' jikkunsidra applikazzjoni waħda għal proprjetajiet differenti kemm –il darba l-proġett preżentat ikun wieħed li jorbot flimkien diversi proprjetajiet'.

15.9.3 F'dan l-istadju, is-Sindku irrimarka li primarjament l-Kunsill għandu jipprijoratizza u jiffoka fuq il-proġett ta' Pjazza Ninu Cremona biex il-Kunsill jottjeni l-amministrazzjoni tal-proprjetà pubblika taż-żona kif propost mill-Kunsill biex jagħmel il-pass li jmiss.

15.9.4 Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jixtarr sew il-policy document u jsir aġġornament ieħor fis-seduta li jmiss tal-Kunsill.

## 15.10 AĠĠORNAMENT DWAR TALBA GĦALL-AMMINISTRAZZJONI TA' PROPRJETÀ PUBBLIKA TAS-SIT DOTT PAWLU GRECH

15.10.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li dan is-suġġett kien prattikament eżawrit fl-item 15.9.

15.10.2 Is-Sindku żied jgħid fid-dawl tal-policy document ikun tajjeb li tissejjaħ laqgħa ma' Project Green peress li l-ħsieb li l-Kunsill jitlob l-amministrazzjoni tal-proprjetà pubblika ta' Dott Pawlu Grech kien proprju sabiex ladarba l-Kunsill jottjeni l-art, ikun jista jinnegozja ma' Project Green dwar proġett aħdar għall-Iklin. Dan kien fuq suġġeriment ta' Project Green stess meta tkellimna magħhom f'laqgħa li nżammet fl-Uffiċini tagħhom f'Settembru 2024. Żied jgħid ukoll li Project Green qed taħdem fuq proġett fl-Iklin u jixtieq jara fuq liema sit qed jitkellmu għaliex il-Kunsill bir-raġun kollu għandu jkun infurmat b'kull proġett propost li jsir fil-lokalità.

15.10.3 Il-Kunsillier Mario Fenech qal li ma jeskludix li Project Green qed taħdem fuq is-sit ta' Dott Pawlu Grech.

15.10.4 Il-Kunsillier Matthew Fenech offra li jkun preżenti għal-laqgħa ma' Project Green.

15.10.5 Ġie konkluż li s-Segretarju Eżekuttiv se jkun qed jgħaddi *soft copy* tal-linji gwida u l-*policy document* lill-Kunsillieri biex jilħqu jarawhom fid-dettal sas-seduta li jmiss.

## 15.11 AĠĠORNAMENT DWAR CLEANUP CAMPAIGN SETTEMBRU 2025

15.11.1 Is-Sindku Dott Sciberras għamel riferenza għall-kampanja CleanUp ta' din is-sena fejn għal sena oħra l-Kunsill se jkun parteċipi f'din l-inizjattiva ambjentali. Fakkar li d-data magħżula għal din is-sena ser tkun il-ġurnata tas-Sibt 27 ta' Settembru u qed jistieden lill-komunità tal-Iklin u lill-għaqdiet tal-lokal biex jersqu 'il quddiem biex iħossuhom parti minn din il-kampanja. Is-Sindku qed jerġa juri x-xewqa biex il-Kunsill iġib il-karattru ta' Xummiemu biex nagħmlu minn dan in-nofs ta' nhar ta' filgħodu attività li tiġbed lit-tfal tar-raħal għax m'hemmx awqa milli l-Kunsill jinvesti fit-tfal li huma l-ġenerazzjoni ta' għada.

15.11.2 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman infurmat lill-Kunsill li qed taħdem fuq din l-attività ma' Iklin Scout Group fejn għaddejja diskussjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Iscouts

u ko-ordinazzjoni dwar din l-inizjattiva ambjentali. Fil-jiem li ġejjin se niltaqgħu mal-Iscout Leader biex naraw kif ser nikkordinaw ix-xogħol.

Rigward il-ħsieb ta' karattru għal din l-inizjattiva, staqsiet jekk hux possibbli li l-Kunsill joħloq karattru u tkun inizjattiva tal-Kunsill.

15.11.3 Il-Kunsillier Matthew Fenech li għandu d-dekasteru tal-Indafa Pubblika ser jieħu ħsieb jitkellem mal-Public Cleansing Department dwar il-possibiltà li jkollna magħna l-karattru ta' Xummiemu biex nattiraw aktar tfal jieħdu sehem f'din l-inizjattiva ambjentali.

15.11.4 Is-Sindku ikkonkluda li kien important li nibdew naħsbu għal din l-attività billi nużaw l-mezzi soċjali ħalli nippromwovu l-ideja u naħdmu għaliha bħala komunità.

## 15.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

15.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 27 ta' Awwissu 2025 fil-5.30 pm.

15.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Awwissu 2025 fil-5.30 pm.

15.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.05 p.m.

**Dott Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv